

Rapport dwar l- Ażil 2026

Sommarju Eżekuttiv



Rapport dwar l-Ażil 2026

Rapport Annwali dwar is-Sitwazzjoni tal-Ażil
fl-Unjoni Ewropea

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Ġunju 2026



© L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA), 2026

La l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) u lanqas kwalunkwe persuna li tagħxi f'isem l-EUAA ma hija responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni inkluża f'din il-pubblikazzjoni.

Ritratt tal-qoxra: Getty Images/[Stefano Guidi](#)

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2026

PDF BZ-01-26-013-MT-N ISBN 978-92-9418-455-9 2600-3198 doi: 10.2847/9331625

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissema s-sors oriġinali. Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jkunx taħt id-dritt tal-awtur tal-EUAA, irid jitalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Daħla

Għat-tieni sena konsekuttiva, in-numru ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali fil-pajjiżi tal-UE+ naqas għal total ta' 0.8 miljun. Dan kien ir-riżultat ta' sensiela ta' fatturi, inklużi żviluppi politiċi f'pajjiżi ta' oriġini ewlenin, bħas-Sirja, u l-kooperazzjoni Ewropea ma' pajjiżi sħab li naqqsu l-mobbiltà fir-rotot ta' migrazzjoni lejn l-Ewropa. B'mod parallel, il-pajjiżi tal-UE+ komplew jipprovdu protezzjoni temporanja lil madwar 4.5 miljun persuna spostata mill-Ukrajna, fejn xi pajjiżi ġarrew l-akbar sehem, filwaqt li komplew inizjattivi għal soluzzjonijiet fit-tul biex jiffaċilitaw it-tmiem eventwali tal-protezzjoni temporanja f'Marzu 2027.



Missjoni komuni għall-pajjiżi kollha tal-UE+ fl-2025 kienet il-preparazzjoni għall-attivazzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil minn Ġunju 2026. Il-pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali u l-istrateġiji nazzjonali servew bħala boxxla għar-riformi, li dalwaqt se jagħtu bidu għas-sistema mġedda tal-ażil tal-Ewropa.

Iżda l-pajjiżi ma kinux waħedhom f'dan il-proċess. Il-Kummissjoni Ewropea, flimkien mal-Aġenzji tal-UE, ipprovdiet gwida u appoġġ. L-Aġenzja tagħna assistiet f'dawn l-isforzi permezz tal-Programm tal-Patt iddedikat tagħha li wassal firxa ta' outputs. L-EUAA pprovdiet appoġġ operazzjonali lill-pajjiżi fuq il-post, ħarrġet lill-professionisti tal-ażil, inkluż permezz tal-Akkademja tal-EUAA akkreditata tagħha, żviluppat materjal tekniku biex tassisti lill-prattikanti fl-applikazzjoni ta' proċessi armonizzati u pproduċiet analiżi tas-sitwazzjoni biex tiggwida l-politiki.

Tabilħaqq, bis-sitwazzjoni li qed tinbidel fis-Sirja, pereżempju, l-EUAA ġabret informazzjoni fil-pront dwar politiki u Prattiki tal-pajjiżi tal-UE+ lejn applikanti Sirjani, filwaqt li r-riċerka dwar is-COI pproduċiet informazzjoni ta' kwalità għolja dwar l-iżviluppi fil-pajjiż. Billi pprovdiet ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tal-kunċetti ta' pajjiż sikur fil-pajjiżi tal-UE+, l-EUAA appoġġat ukoll il-proċess leġislativ għall-adozzjoni ta' lista għall-UE kollha ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri u l-kunċett rivedut ta' pajjiż terz sikur.

Ma hemm l-ebda dubju li Ġunju 2026 mhuwiex tmiem definittiv, iżda passaġġ għal stadju evoluzzjonarju differenti tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA). Dan l-istadju jista' jirrikjedi ħafna apprendiment bl-għemil. Dan se jkun proċess li permezz tiegħu l-feedback mill-applikazzjoni Prattika tar-regoli l-ġodda se jiggwida l-adattamenti li għandhom isiru fil-livelli operazzjonali u ta' politika. Matul il-proċess, l-Aġenzja tagħna se tkompli tappoġġa lill-pajjiżi u tipprovdi l-għarfien espert tagħha għall-funzjonament effettiv tas-SEKA.

Nina Gregori
Direttur Eżekuttiv
L-Aġenzja tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil



Werrej

Daħla	4
Introduzzjoni.....	6
1. Żviluppi ewlenin fl-ażil fl-Unjoni Ewropea fl-2025.....	7
2. Ġestjoni tal-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali	9
3. Inizjattivi għal proċeduri tal-ażil aktar issimplifikati u armonizzati.....	10
4. Akkoljenza ta’ applikanti għall-protezzjoni internazzjonali.....	11
5. Responsabbiltà għal applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.....	12
6. Approċċ armonizzat għar-risistemazzjoni u l-ammissjoni umanitarja	13
7. Drittijiet ta’ benefiċjarji ta’ protezzjoni internazzjonali għall-inklużjoni u l-integrazzjoni	14
Kaxxa 1. Protezzjoni temporanja għal persuni spostati mill-Ukrajna.....	15
8. Salvagwardji legali għat-tfal u l-applikanti bi bżonnijiet speċjali	16
Kummenti tal-għeluq	18



Introduzzjoni

Is-Sommarju Eżekuttiv tar-Rapport dwar l-Ażil 2026: Ir-Rapport Annwali dwar is-Sitwazzjoni tal-Ażil fl-Unjoni Ewropea jiġbor fil-qosor l-iżviluppi ewlenin fil-protezzjoni internazzjonali li huma ppreżentati fir-rapport ewlieni. Is-sommarju huwa disponibbli f'**31 lingwa**, inklużi l-lingwi kollha tal-UE u l-Albaniż, l-Għarbi, il-Maċedonjan, ir-Russu, is-Serb, it-Tork u l-Ukren.

L-informazzjoni li hija ppreżentata fir-rapport ewlieni tista' tiġi kkonsultata f'diversi riżorsi addizzjonali faċli għall-utent:




- Il-Bażi tad-Data Nazzjonali dwar l-iżviluppi fl-Ażil tippreżenta l-iżviluppi leġiżlattivi, istituzzjonali u ta' politika li huma deskritti fir-rapport. L-aġġornamenti jstgħu jiġu mfittxija skont il-pajjiż, is-suġġett, is-sena u t-tip ta' żvilupp. L-informazzjoni hija wkoll miġbura fil-qosor u ppreżentata f'tabella skont il-pajjiż u skont il-qasam tematiku f'dokument PDF.
- Ir-rapport jippreżenta għażla ta' żviluppi ġurisprudenzjali bbażati fuq il-Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA. L-iperlinks fit-test iwasslu lill-qarrejja għall-każ speċifiku fil-bażi tad-data.
- Is-sorsi użati għall-produzzjoni tar-Rapport dwar l-Ażil huma ppreżentati fil-lista ta' referenzi fit-tmiem tar-rapport. Dawn huma disponibbli wkoll fuq il-Bażi tad-Data dwar il-Protezzjoni Internazzjonali fl-Ewropa (DIP, Database on International Protection), taft **Sorsi**, b'funzjonijiet ta' tiftix u esportazzjoni.

Għal aġġornamenti dwar l-attivitajiet tal-EUAA u l-appoġġ lill-Istati Membri, jekk jogħġbok ara l-infografika: <https://www.euaa.europa.eu/asylum-report-2026/section-10-euaa-support-2025>

Għall-iżviluppi ewlenin skont il-pajjiż, jekk jogħġbok ara l-ħarsiet ġenerali lejn il-pajjiż: <https://www.euaa.europa.eu/asylum-report-2026/country-overviews>

Additional resources to the Asylum Report 2026



Translations
in all EU
languages
and 7 non-EU
languages



Click on **Database on International Protection in Europe** to consult sources on asylum



1. Żviluppi ewlenin fl-ażil fl-Unjoni Ewropea fl-2025



Fl-2025, l-Ewropa rat sena ta' tranżizzjoni, perjodu ta' ristrutturazzjoni, u żmien ta' strategizzazzjoni u investiment fil-modernizzazzjoni tal-arkitettura Ewropea tal-ażil u l-migrazzjoni, fost tnaqqis notevoli fin-numru ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali. L-implimentazzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil kienet ċentrali fit-tfassil tal-politika Ewropea, bl-għan li jwasslu riżultati tanġibbli kemm jista' jkun malajr. Inizjattivi ffukaw fuq iż-żieda tal-effiċjenza fil-proċeduri tal-ażil, l-indirizzar tal-pressjoni fuq il-fruntieri esterni, u ż-żieda tal-effettività tar-ritorni. Il-pjanijiet nazzjonali ta' implimentazzjoni servew bħala boxxla biex il-Patt isir realtà operazzjonali, filwaqt li l-Kummissjoni Ewropea pprovdiet l-għarfien espert u r-riżorsi finanzjarji u l-aġenzji rilevanti tal-UE taw assistenza lill-Istati Membri tal-UE biex jiżguraw li s-sistemi nazzjonali ta' ażil u ta' akkoljenza tagħhom ikunu lesti sa Ġunju 2026.

Fi sforz biex twettaq xi elementi tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil (APR, Asylum Procedures Regulation) fi stadju bikri, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat żewġ proposti dwar il-kunċetti ta' pajjiżi sikuri, lista tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri u regoli ġodda biex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur f'April u Mejju 2025. L-ewwel proposta kellha l-għan li tressaq 'il quddiem id-dispożizzjonijiet tal-APR, li skonthom l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali minn ċittadini ta' pajjiżi b'rata ta' rikonossiment fl-UE kollha ta' 20 % jew inqas jistgħu jiġu pproċessati taħt il-proċedura aċċellerata jew fuq il-fruntiera. Il-proposta ssuġġeriet ukoll li l-pajjiżi ta' oriġini sikuri u l-pajjiżi terzi sikuri jistgħu jiġu ddeżinjati b'eċċezzjonijiet.

It-tieni proposta kienet tikkonċerna l-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur. Din kellha l-għan li taċċellera l-proċeduri tal-ażil u tnaqqas il-pressjoni fuq is-sistemi tal-ażil, filwaqt li żżomm salvagwardji legali għall-applikanti. Il-bidliet proposti għamluha mhux obligatorja li applikant ikollu konnessjoni mal-pajjiż terz sikur; it-tranżitu minn pajjiż terz sikur ġie stabbilit bħala rabta suffiċjenti bejn l-applikant u dak il-pajjiż; u ġiet inkluża l-possibbiltà li jiġi applikat il-kunċett anke jekk ma jkun hemm l-ebda konnessjoni ma' pajjiż sikur jew tranżitu minnu meta jkun hemm ftehim jew arranġament partikolari mal-pajjiż terz għal dan il-għan.

Fi Frar 2026, il-Parlament Ewropew approva r-regoli l-ġodda, u l-Kunsill irrevoda formalment il-kunċett ta' pajjiż terz sikur u adotta l-ewwel lista għall-UE kollha ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri, inklużi l-Bangladesh, il-Kolombja, l-Eġittu, l-Indja, il-Kosovo,¹ il-Marokk u t-Tuneżija.

Biex tikkomplementa l-qafas leġiżlattiv tal-Patt, f'Marzu 2025 il-Kummissjoni Ewropea pproponiet li timmodernizza l-politika Ewropea dwar ir-ritorni permezz ta' Sistema Ewropea Komuni għar-Ritorni ġdida. Ir-Regolament jipprevedi proċeduri komuni fl-Istati Membri biex joħorġu deċizzjonijiet ta' ritorn u Ordni Ewropea ta' Ritorn waħda, li se jrawwem l-uniformità, it-trasparenza u l-koordinazzjoni. F'Novembru 2025, il-Kummissjoni Ewropea nediet l-ewwel Ċiklu Annwali tal-Ġestjoni tal-Migrazzjoni, li jinkludi:

¹ Din id-deżinjazzjoni hi mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hi konformi mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni ta' indipendenza tal-Kosovo.



- ir-Rapport Ewropew Annwali dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni (EAAMR, European Annual Asylum and Migration Report), li jipprovdi stampa tas-sitwazzjoni tal-ażil u l-migrazzjoni fl-UE;
- deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea li jiddeterminaw il-livell ta' pressjoni migratorja tal-Istati Membri; u
- il-Proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal Riżerva ta' Solidarjetà biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-Istati Membri taħt pressjoni.

Skont l-EAAMR, li kopriet il-perjodu minn Lulju 2024 sa Ġunju 2025, is-sitwazzjoni migratorja fl-UE tjebet, iżda bi sfidi persistenti bħal pressjoni kontinwa minn wasliet irregolari, moviment mhux awtorizzat ġewwa l-UE, u l-użu tal-migrazzjoni bħala arma mir-Russja u mill-Belarużja.

Abbażi tal-analiżi tas-sitwazzjoni pprovduta fir-rapport, il-Kummissjoni Ewropea sabet li Ċipru, il-Greċja, l-Italja u Spanja kienu "taħt pressjoni migratorja" u eliġibbli biex jaċċessaw ir-Riżerva ta' Solidarjetà tal-UE meta l-Patt jidħol fis-seħħ f'Ġunju 2026. Grupp ieħor ta' pajjiżi, li jinkludi l-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, in-Netherlands u l-Polonja, ġew identifikati bħala "f'riskju ta' pressjoni migratorja". Fl-aħħar, l-Awstrija, il-Bulgarija, il-Kroazja, iċ-Ċekja, l-Estonja u l-Polonja ġew identifikati bħala "pajjiżi li qed jiffaċċjaw sitwazzjoni migratorja sinifikanti" minħabba l-pressjoni kumulattiva mill-aħħar 5 snin. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-Istabbiliment tal-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà stabbiliet il-bżonnijiet għall-2026 għal 21,000 rilokazzjoni jew għal kontribuzzjonijiet finanzjarji totali ta' EUR 420 miljun, b'implimentazzjoni li tibda mit-12 ta' Ġunju 2026.

Biex tistabbilixxi l-oġġettivi politiċi tal-UE dwar l-ażil u l-migrazzjoni għas-snin li ġejjin, f'Jannar 2026 il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat Strateġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni. L-istrateġija sservi bħala boxxla biex jintlaħqu tliet oġġettivi ewlenin: il-prevenzjoni tal-migrazzjoni illegali, il-protezzjoni tan-nies li qed jaħrabu mill-gwerra u l-persekuzzjoni, u l-attrazzjoni tat-talenti lejn l-UE.

Fir-rigward tad-dimensjoni esterna tal-politika dwar il-migrazzjoni u l-ażil, l-UE kompliet issegwi approċċ ta' rotta sħiħa għall-ġestjoni tal-migrazzjoni billi tikkoordina ma' diversi partijiet ikkonċernati. L-inizjattivi kienu jinkludu l-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni; l-għajjnuna lill-pajjiżi sħab biex iżidu l-kapaċità tagħhom fil-ġestjoni tal-fruntieri u l-ġlieda kontra n-networks tal-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali; il-kontribut għal soluzzjonijiet ta' protezzjoni għall-persuni spostati f'partijiet differenti tad-dinja; u l-offerta ta' perkorsi sikuri u legali lejn l-Ewropa bħala alternattiva għall-migrazzjoni irregolari. Minbarra l-kollaborazzjoni bbażata fuq inċentivi pożittivi, l-UE inkorporat il-possibbiltà li jiġu rtirati l-benefiċċji f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali meta l-arranġamenti eżistenti jintużaw b'modi li joħolqu sfidi sinifikanti għall-migrazzjoni u s-sigurtà. Għal dan il-għan, daħal fis-seħħ regolament ġdid li jipprevedi mekkaniżmu rivedut ta' sospensjoni tal-eżenzjoni ta' viża.



2. Ġestjoni tal-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali



Fl-2025, in-numru ta' applikazzjonijiet għall-ażil sottomessi fil-pajjiżi tal-UE+ naqas għat-tieni sena konsekuttiva għal 822,000 (ara l-Illustrazzjoni 1). Dan kien tnaqqis ta' waħda minn kull ħamsa meta mqabbel mal-2024, l-aktar total baxx mill-2021. Il-Ġermanja baqgħet il-pajjiż riċeventi ewlieni (163,000 applikazzjoni), għalkemm f'livell ferm aktar baxx milli fl-2024 (tnaqqis bi kważi terz), segwita minn Franza (152,000), Spanja (143,000) u l-Italja (134,000).


Meta ġew ikkunsidrati l-applikazzjonijiet għall-ażil fir-rigward tad-daqs tal-popolazzjoni, bħala medja ġew ippreżentati madwar 1,800 applikazzjoni għal kull miljun abitant fil-pajjiżi tal-UE+. Il-Greċja u Ċipru kellhom l-aktar applikanti għall-ażil għal kull miljun abitant (5,900 u 4,500, rispettivament). Dawn ġew segwiti mill-bogħod minn Spanja, il-Belġju u l-Iżvizzera (madwar 2,900 kull wieħed).

L-applikazzjonijiet fl-2025 kienu kkonċentrati fost għadd limitat ta' nazzjonalitajiet. L-akbar ħames gruppi kienu ċ-ċittadini tal-Afganistan (14 % tal-applikazzjonijiet kollha), tal-Venezwela (11 %), tas-Sirja (5 %), tal-Bangladesh (4 %) u tat-Turkija (4 %).

L-għadd ta' applikazzjonijiet ripetuti żdied b'39 % meta mqabbel mal-2024, u laħaq livell rekord. Dawn kienu jirrappreżentaw 15 % tal-applikazzjonijiet kollha għall-ażil fl-2025, l-ogħla sehem irreġistrat. Dan jista' jiġi attribwit b'mod plawżibbli għal [sentenza tal-QĠUE](#) f'Ottubru 2024 li l-ġeneru u n-nazzjonalità kienu biżżejjed għan-nisa Afgani biex ikunu f'riskju ta' atti ta' persekuzzjoni, li wasslu għal żieda f'applikazzjonijiet ripetuti mill-Afgani.

Iċ-ċittadini ta' pajjiżi b'rati baxxi ta' rikonoxximent ippreżentaw sehem dejjem akbar ta' applikazzjonijiet għall-ażil fl-2025, li jirrappreżenta aktar minn nofs l-għadd totali ta' applikazzjonijiet. Skont ir-regoli tal-Patt, minn Ġunju 2026, f'ċerti ċirkostanzi definiti skont l-Artikolu 43(1) tal-APR, iċ-ċittadini ta' pajjiżi b'rati baxxi ta' rikonoxximent (li jaqgħu taħt l-20 %) se jkunu soġġetti għall-proċedura obbligatorja fuq il-fruntiera.

Illustrazzjoni 1. Għadd ta' applikazzjonijiet għall-ażil fil-pajjiżi tal-UE+, 2015-2025



Sors: Data tal-EPS tal-EUAA fit-3 ta' Frar 2026.



Matul is-sena, il-pajjiżi tal-UE+ ħadmu mal-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenziji tal-UE biex jimmodernizzaw il-kapaċità tal-IT fil-fruntieri, inkluż billi jiżguraw ir-riżorsi tekniċi, operazzjonali u amministrattivi għall-funzjonament tas-sistema Eurodac il-ġdida. Biex jippreparaw għall-funzjonament bla xkiel u armonjuż tal-iskrinjar, tal-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera u tal-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera, l-awtoritajiet nazzjonali komplew bil-ħidma leġiżlattiva u l-preparazzjonijiet prattiċi, inkluż billi bnew faċilitajiet meħtieġa, żguraw kapaċità adegwata, żviluppaw gwida u għodod prattiċi, u pprovdew taħriġ lill-professionisti li se jimplementaw il-proċeduri l-ġodda.

B'rispons għal pressjonijiet migratorji mħallta u sfidi għas-sigurtà fuq il-fruntieri esterni, il-pajjiżi tal-UE+ komplew jiffukaw fuq il-ġestjoni tal-fruntieri u żammew reġimi ta' protezzjoni aktar stretti, li xi drabi fisser riskju għall-aċċess effettiv għat-territorju u għal-proċedura tal-ażil għall-persuni li setgħu kellhom bżonn il-protezzjoni. Tali prattiki spiss ġew skrutinizzati minn organizzazzjonijiet internazzjonali u tas-soċjetà ċivili, kif ukoll istituzzjonijiet ġudizzjarji, li indirizzaw inċidenti rappurtati ta' trattament ħażin, push-backs u ritorni immedjati allegati, u miżuri meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali kontra l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jwettqu attivitajiet ta' tfittxija u salvataġġ.

3. Inizjattivi għal proċeduri tal-ażil aktar issimplifikati u armonizzati



Fil-qasam tal-proċeduri tal-ażil, l-attivitajiet tal-pajjiżi tal-UE+ kienu ffukati fuq tliet oqsma ewlenin: it-tnaqqis tan-numru ta' każijiet pendenti li qed jistennew deċiżjoni, l-allokazzjoni tal-kapaċità biex tiġi organizzata l-implimentazzjoni prattika tar-regoli l-ġodda, u t-taħriġ tal-persunal dwar id-dispożizzjonijiet il-ġodda. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea għamlet disponibbli appoġġ finanzjarju (bħall-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI, Technical Support Instrument)), l-EUAA pprovdiet appoġġ tekniku u l-pajjiżi tal-UE+ ikkollaboraw b'mod bilaterali għall-iskambju ta' għarfien espert. Kif meħtieġ mill-Patt, huma allokaw ukoll riżorsi sinifikanti biex jiżviluppaw pjanijiet ta' kontinġenza nazzjonali għal xenarji differenti, li jinkludu indikaturi u limiti għall-attivazzjoni u d-diżattivazzjoni ta' miżuri speċifiċi ta' rispons.

L-attivitajiet ta' bini tal-kapaċità tfasslu skont is-sitwazzjoni unika fl-ażil u fl-akkoljenza f'kull pajjiż. Xi pajjiżi komplew jiffukaw fuq il-bidliet organizzattivi, ir-reklutaġġ tal-persunal u l-attivitajiet ta' taħriġ għall-iżvilupp tal-ħiliet. Diversi awtoritajiet tal-ażil komplew jirrevedu jew jirfinaw il-proċeduri interni u jaġġornaw mudelli u abbozzi ta' deċiżjonijiet bl-oġettiv li jżidu l-effiċjenza fil-proċessi tagħhom ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Biex jappoġġaw teħid ta' deċiżjonijiet ta' kwalità għolja u rapidu, il-pajjiżi tal-UE+ aġġornaw politiki speċifiċi tal-pajjiżi abbażi tal-bidliet fil-pajjiżi ta' oriġini. Madankollu, is-sitwazzjoni volatili f'diversi pajjiżi ta' oriġini kellha impatt fuq l-ipproċessar tal-każijiet, u xi drabi l-awtoritajiet tal-ażil issospendew l-ipproċessar tal-każijiet ta' ċittadini minn ċerti pajjiżi ta' oriġini.

Fl-2023, il-pajjiżi tal-UE+ ħarġu madwar 874,000 deċiżjoni fil-primja istanza, l-akbar ammont mill-2017. Iż-żieda kienet imħeġġa minn żieda qawwija fin-numru ta' rifjuti, prinċipalment għal ċittadini ta' pajjiżi b'rata baxxa ta' rikonnoxximent (20 % jew inqas). Il-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet inħarġu fil-Ġermanja, segwita minn Franza u minn Spanja. Il-każijiet pendenti fil-primja istanza naqsu għal 863,000 fl-2025, minn 986,000 fl-2024 (tnaqqis ta' madwar 13 %).



Filwaqt li xi pajjiżi tal-UE+ intensifikaw il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-prima istanza, it-tnaqqis fil-każijiet pendenti kien pjuttost riżultat ta' inqas applikazzjonijiet sottomessi. Minkejja t-tnaqqis fil-każijiet pendenti fil-prima istanza, aktar appelli b'mod ġenerali implikaw volum stabbli u għoli ta' każijiet fl-istanzi kollha.

Minħabba li l-Kummissjoni Ewropea tenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni mal-korpi ġudizzjarji u li jissaħħu biex jippreparaw għall-attivazzjoni tar-regoli tal-Patt, numru ta' pajjiżi tal-UE+ investew biex iżidu l-kapaċità fit-tieni istanza jew oġġla.

4. Akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali



Il-pajjiżi tal-UE+ ħadmu biex jittrasponu d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza tal-2024 (RCD, Reception Conditions Directive) fil-liġi nazzjonali sat-12 ta' Ġunju 2026, kif ukoll biex jadattaw għal regolamenti oħra li għandhom impatt fuq l-akkoljenza, bħar-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni (AMMR, Asylum and Migration Management Regulation) u l-APR. Iggwidati mill-pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali tagħhom, il-pajjiżi tal-UE+ aġġustaw il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza u indirizzaw il-lakuni fil-kapaċità ta' akkoljenza, inkluż għall-applikanti fil-proċedura fuq il-fruntiera. Għaldaqstant, ħafna pajjiżi kellhom bżonn jistabbilixxu ċentri għall-iskrinjar u faċilitajiet ta' akkomodazzjoni għall-applikanti li jkunu għaddejjin mill-proċedura fuq il-fruntiera. Il-ħtiġijiet operazzjonali xprunaw bidliet fil-ġestjoni tal-każijiet u fis-sistemi tal-IT ukoll. L-ewwel iterazzjoni ta' Ċiklu Annwali tal-Ġestjoni tal-Migrazzjoni kkontribwiet għal *data* ta' kwalità oġġla dwar is-sistemi ta' akkoljenza fil-pajjiżi kollha tal-UE+.

It-tnaqqis fl-applikazzjonijiet għall-ażil wassal għal tnaqqis fil-pressjoni fuq is-sistemi ta' akkoljenza f'diversi pajjiżi, li komplew inaqqsu l-kapaċità tagħhom ta' akkoljenza. B'kuntrast ma' dan, xi pajjiżi fejn is-sistemi ta' akkoljenza baqgħu taħt pressjoni żammew jew żiedu l-kapaċità tagħhom. F'kawża storika li tikkonċerna l-kapaċità ta' akkoljenza, il-QĠUE ddeċidiet li Stat Membru ma jstax jinvoka influż imprevedibbli u inevitabbli ta' applikanti biex jevadi l-obbligi tiegħu skont id-dritt tal-UE li jissodisfa l-ħtiġijiet bażiċi tal-applikanti għall-ażil, filwaqt li enfasizzat il-ħtieġa għal kapaċità ta' riżerva biex jiġu assorbiti l-influssi potenzjali ta' applikanti.

Il-pajjiżi tal-UE+ ilhom żmien jiffaċċjaw l-impatt tal-movimenti sekondarji. Bosta minnhom komplew jew nedew inizjattivi ġodda biex jindirizzaw din l-okkorrenza, pereżempju billi għamlu bidliet fil-kundizzjonijiet ta' akkoljenza, f'konformità mal-Artikolu 21 tal-RCD (2024) u l-Artikolu 18 tal-AMMR. Dawn id-dispożizzjonijiet jistipulaw li l-applikanti li ġew infurmati bid-deċiżjoni tat-trasferiment lill-Istat Membru responsabbli m'għadhomx eliġibbli għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza, filwaqt li jibqgħu jgawdu d-dritt għal standard tal-għajxien skont id-dritt tal-UE.



5. Responsabbiltà għal applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali



B'kollox, ġew implimentati 18,000 trasferiment ta' Dublin fl-2025 fil-pajjiżi kollha tal-UE+, li huwa simili għall-2024 (*ara l-Illustrazzjoni 2*). Dan kien it-tieni l-ogħla mill-2019, iżda ferm taħt il-livelli ta' qabel il-pandemija. L-implimentazzjoni tat-trasferimenti ta' Dublin baqgħet affettwata b'mod sinifikanti mill-pessjoni fuq is-sistemi tal-akkoljenza f'xi pajjiżi tal-UE+. Filwaqt li l-qrati nazzjonali fil-biċċa l-kbira kkonfermaw it-trasferimenti, waħda mir-raġunijiet ewlenin għall-qlib tad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali kienet evidenza aġġornata ta' kwistjonijiet serji fl-aċċess għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali fl-istat responsabbli.

Illustrazzjoni 2. L-għadd ta' trasferimenti implimentati fuq it-total ta' talbiet ta' Dublin aċċettati, 2025



Sors: Data tal-EPS tal-EUAA fit-3 ta' Frar 2026.

Il-pajjiżi tal-UE+ iffukaw fuq it-tranżizzjoni mill-applikazzjoni tar-Regolament ta' Dublin III għar-Regolament Eurodac ġdid u l-AMMR. Matul is-sena ġew iċċarati diversi ambigwitatijiet legali u prattiċi, iżda xi kien għad baqa' xi mistoqsijiet sakemm id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni dwar l-istabbiliment tar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà għall-2026 gjet adottata formalment fid-19 ta' Diċembru 2025. Filwaqt li xi awtoritajiet nazzjonali ppreferew jistennew il-kjarifiki u mbaġħad jiżviluppaw pjan ta' implimentazzjoni aktar dettaljat, il-maġġoranza tal-amministrazzjonijiet bdew jipplanaw abbażi ta' xenarji differenti.

L-unitajiet ta' Dublin għamlu sforz kollettiv biex ineħħu x-xogħol b'lura tagħhom biex jevitaw kemm jista' jkun l-użu simultanju tar-regoli preċedenti u dawk ġodda wara d-dħul fis-seħħ tal-Patt. Madankollu, in-nuqqas ta' persunal fl-unitajiet ta' Dublin baqa' problema persistenti. Barra minn hekk, il-ġestjoni kemm tal-volum ta' każijiet kontinwi kif ukoll it-twertiq tat-taħriġ b'mod



parallel kienu ta' sfida għal ħafna mill-persunal ta' Dublin. Diversi awtoritajiet enfasizzaw li l-partijiet ikkonċernati barra mill-unitajiet ta' Dublin kienu jeħtieġu wkoll taħriġ immirat biex jiżguraw li fehmu r-regoli l-ġodda u, pereżempju, ikunu jistgħu wkoll jinfurmaw lill-applikanti b'mod korrett dwar il-proċedura.

Sfida kbira għall-pajjiżi tal-UE+ fil-proċess ta' tranżizzjoni kienet l-adattament tas-sistemi tal-IT, inkluż ir-rikonfigurazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni tal-każijiet biex jinkludu formoli, mudelli u flussi tax-xogħol ġodda. F'diversi pajjiżi, il-proġetti tal-IT marbuta mal-applikazzjoni tal-Eurodac u tal-AMMR jiffurmaw parti minn programm usa' ta' diġitalizzazzjoni.

Fl-2025, inħarġu 120,000 deċiżjoni bi tweġiba għat-talbiet ta' Dublin li ntbagħtu, skont id-*data* proviżorja tas-Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Thejjiġa (EPS, Early Warning and Preparedness System) tal-EUAA. Dan irrappreżenta tnaqqis ta' 24 % mill-2024 u l-iktar livell baxx mill-2021. It-tnaqqis jissuġġerixxi tnaqqis fil-movimenti sekondarji, fejn l-applikanti għall-ażil jiċċaqalqu mill-ewwel pajjiż tal-wasla għal ieħor biex jippreżentaw applikazzjoni ġdida, u huwa konformi mat-tnaqqis ġenerali fl-applikazzjonijiet għall-ażil.

6. Approċċ armonizzat għar-risistemazzjoni u l-ammissjoni umanitarja



Ir-restrizzjonijiet politiċi, operazzjonali u finanzjarji llimitaw l-iżviluppi fil-qasam tar-risistemazzjoni u tal-ammissjoni umanitarja matul l-2025. Il-fatturi li xekklu r-risistemazzjoni tar-refuġjati kienu jinkludu:

- mistoqsijiet relatati mal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Patt fil-livell tekniku, bħall-ħżin u t-trasferiment ta' *data* bl-użu ta' proċessi li huma konformi mar-Regolament Eurodac;
- is-sitwazzjoni volatili tas-sigurtà u tal-politika fil-Lvant Nofsani li ħolqot sfidi fil-livell operazzjonali; u
- il-persjoni persistenti fuq ċerti sistemi ta' akkoljenza fil-pajjiżi tal-UE+, li llimitaw il-kapaċità tagħhom li jirċievu refuġjati risistemati.

B'konsegwenza ta' dan, minn total ta' 61,000 wegħda magħmula minn 14-il pajjiż skont l-iskema tal-UE ta' Risistemazzjoni u ta' Ammissjoni Umanitarja għall-2024-2025, madwar 10,000 refuġjat biss waslu fil-pajjiżi tal-UE+ fl-2025, flimkien ma' kważi 14,000 fl-2024. Wara 10 snin fejn is-Sirjani kienu l-aktar ċittadini risistemati, fl-2025 l-Afgani (2,900) kienu fl-ewwel post, segwiti mis-Sirjani (1,800), il-Kongoliżi (DR) (1,600) u s-Sudaniżi (1,400).

F'Diċembru 2025, il-Kunsill approva l-ewwel Pjan Biannwali tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja għall-2026-2027. Disa' pajjiżi ppreżentaw il-wegħdiet tagħhom għal total ta' 10,430 post, li jinkludu 8,330 risistemazzjoni u 2,100 ammissjoni umanitarja. It-tnaqqis sinifikanti fl-impenji nazzjonali rrifletta t-tnaqqis ġenerali fl-ammissjonijiet fil-livell tal-UE.



7. Drittijiet ta' beneficijarji ta' protezzjoni internazzjonali għall-inklużjoni u l-integrazzjoni



Il-kontenut tal-protezzjoni jirreferi għad-drittijiet li għalihom il-benefiċjarji ta' forma ta' protezzjoni huma intitolati fil-pajjiż tal-ażil, kif ukoll għall-obbligi assoċjati. Il-protezzjoni tingħata meta l-applikanti jirċievu deċiżjoni pożittiva li tagħti status ta' refuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja (imsejħa wkoll status armonizzati għall-UE). Ir-rata ta' rikonoxximent tirreferi għan-numru ta' eżiti pożittivi bħala perċentwal tan-numru totali ta' deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali. Filwaqt li l-forom nazzjonali ta' protezzjoni jagħtu status ta' protezzjoni liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, dawk l-istatus – li mhumiex armonizzati fil-pajjiżi tal-UE+ kollha – mhumiex tipikament inklużi fil-kalkolu tar-rata ta' rikonoxximent.

Fl-2025, ir-rata tar-rikonoxximent għall-protezzjoni internazzjonali naqset b'mod sinifikanti minn 42 % fl-2024 għal 29 %. Dan it-tnaqqis kien probabbilment riżultat – tal-inqas parzjalment – tas-sospensjoni tal-proċess ta' deċiżjoni għall-applikanti Sirjani li kienu jirrappreżentaw sehem kbir fid-deċiżjonijiet pożittivi fl-aħħar snin. Barra minn hekk, madwar 56 % tad-deċiżjonijiet inħarġu lil ċittadini ta' pajjiżi b'rata baxxa ta' rikonoxximent. Meta wieħed iqis id-69 ċittadinanzi li ngħataw mill-inqas 1,000 deċiżjoni fl-2025, 42 kellhom rata ta' rikonoxximent inqas minn 20 %.

Iċ-ċittadini tat-Turkija, tal-Venezwela, tal-Bangladesh u tal-Kolombja (f'ordni dixxendenti) irċevew terz tad-deċiżjonijiet negattivi kollha. Madankollu, il-Venezwelani u l-Kolombjani ta' spiss ingħataw forma nazzjonali ta' protezzjoni jew ġew trasferiti għal tip ta' residenza differenti. Ir-rati ta' rikonoxximent kienu għoljin għaċ-ċittadini minn pajjiżi b'kunflitt estrem u kunflitt għoli, bejn 70 % u 90 % għall-applikanti mis-Sudan, mill-Mali, mill-Haiti, mill-Ukrajna u mill-Myanmar/Burma (f'ordni dixxendenti).

Il-pajjiżi tal-UE+ komplew jillimitaw l-wasliet permezz tar-riunifikazzjoni tal-familja bħala mod kiftitnaqqas il-persjoni fuq is-sistemi ta' ažiil u ta' akkoljenza, u kultant ukoll fuq is-sistemi soċjali nazzjonali u muniċipali. F'dawn l-aħħar snin, il-UNHCR, organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, il-gruppi ta' riflessjoni, l-akkademiċi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ripetutament wissew dwar l-impatt negattiv potenzjali ta' regoli aktar stretti għar-riunifikazzjoni tal-familja fuq l-integrazzjoni ta' beneficijarji ta' protezzjoni internazzjonali.

Il-pajjiżi tal-UE+ komplew jiffokaw fuq l-integrazzjoni tal-benefiċjarji billi nedew strateġiji u miżuri ġodda għall-aċċess għas-suq tax-xogħol u għall-edukazzjoni. Minkejja dawn l-inizjattivi, il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali xorta ffaċċjaw ostakli madwar il-pajjiżi tal-UE+ meta ppruvaw jitgħallmu l-lingwa, jirreġistraw għall-edukazzjoni jew ifittxu impjieg, filwaqt li l-isfidi fl-aċċess għall-akkomodazzjoni komplew iħallu impatt fuq il-prospetti ta' integrazzjoni. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili komplew għandhom rwol ewlieni fl-integrazzjoni effettiva tal-benefiċjarji billi jipprovdu firxa ta' servizzi għal dan il-għan.




Kaxxa 1. Protezzjoni temporanja għal persuni spostati mill-Ukrajna



Fi tmien l-2025, madwar 4.5 miljun individwu kienu taħt protezzjoni temporanja madwar il-pajjiżi tal-UE+. Din iċ-ċifra baqgħet relattivament stabbli sa mill-bidu tal-2023 u tkompli tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-għadd ġenerali ta' persuni fl-Ewropa bi ħtiġijiet ta' protezzjoni. Rigward id-daqs tal-popolazzjoni, iċ-Ċekja, il-Polonja u s-Slovakkja ospitaw l-aktar Ukreni spostati *per capita* (ara l-Illustrazzjoni 3).

Illustrazzjoni 3. Għadd ta' persuni taħt protezzjoni temporanja għal kull miljun abitant skont il-pajjiż riċeventi, Diċembru 2025



Nota: * = Data estratta qabel Frar 2026

Sors: Daqsijiet tal-popolazzjoni: Eurostat (DEMO_GIND) ġie estratt fil-5 ta' Frar 2026. Benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja: Eurostat (MIGR_ASYTPSM) estratt fil-10 ta' Frar 2026.

Matul ir-raba' sena mill-invażjoni tar-Russja, il-pajjiżi tal-UE+ komplew idawru l-politiki tagħhom lejn soluzzjonijiet fit-tul, bħall-offerta ta' opportunitajiet għat-tranżizzjoni lejn permess ta' residenza nazzjonali alternattiv. B'mod parallel, ikomplu jippromwovu l-integrazzjoni fuq diversi livelli, inkluż fis-suq tax-xogħol u fl-edukazzjoni. Iċ-“Ċentri ta' Unità”, stabbiliti f'għadd ta' pajjiżi tal-UE+, jipprovdu assistenza fl-impjeg, fil-korsijiet tal-lingwa, konsulenza għall-benefiċjarji u, f'xi każijiet, appoġġ għar-ritorni volontarji.

L-iżviluppi ġurisprudenzjali kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE ċċaraw aktar l-interazzjoni bejn il-protezzjoni temporanja u l-proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali.




8. Salvagwardji legali għat-tfal u l-applikanti bi bżonnijiet speċjali



Sabiex jiżdedu r-reazzjonijiet ta' protezzjoni għall-persuni bi bżonnijiet speċjali, il-Patt jinkludi miżuri għal identifikazzjoni u appoġġ aktar rapidi biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet proċedurali u ta' akkoljenza tagħhom. Sfida ewlenija għall-pajjiżi tal-UE+ tibqa' l-operazzjonalizzazzjoni ta' dawn is-salvagwardji. Sabiex tiżdied il-kapaċità f'dan il-qasam, fl-2025 l-awtoritajiet nazzjonali taw taħriġ lil diversi partijiet ikkonċernati u tejbju s-sistemi ta' informazzjoni biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni fost professjonisti differenti involuti fil-proċess.

Fl-2025, ġew ippreżentati 22,000 applikazzjoni għall-ażil minn minorenni mhux akkumpanjati awtodikjarati, madwar terz inqas minn fl-2024 u l-inqas mill-2020. Minkejja li rreġistrat l-akbar tnaqqis assolut, il-Ġermanja kompliet tirċievi l-iktar (4,100 applikazzjoni), li jammontaw għal kważi wieħed minn kull ħamsa mit-total (ara l-Illustrazzjoni 4). Il-Ġermanja kienet segwita min-Netherlands (3,600), l-Italja (3,400) u l-Greċja (3,100). Ħames nazzjonalitajiet kienu jammontaw għal aktar minn nofs l-applikazzjonijiet kollha għall-ażil ippreżentati minn minorenni mhux akkumpanjati fl-2025, jiġifieri l-Afgani (2,800), l-Eritreani (2,400), l-Eġizzjani (2,300), is-Somali (2,100) u s-Sirjani (2,100, l-anqas irreġistrati).

Illustrazzjoni 4. L-10 pajjiżi tal-UE+ li l-aktar jirċievu applikazzjonijiet minn minorenni mhux akkumpanjati awtodikjarati, l-2025 mqabbla mal-2024 u s-sehem ta' applikazzjonijiet ippreżentati miċ-ċittadinanza ewlenija ta' minorenni mhux akkumpanjati, 2025



Sors: Data tal-EPS tal-EUAA fit-3 ta' Frar 2026.



L-awtoritajiet għall-ażil komplew jirrieżaminaw il-liġijiet u l-politiki tagħhom bl-għan ta' valutazzjoni multidixxiplinari tal-età, kif meħtieġ skont l-APR u f'konformità mal-gwida [prattika tal-EUAA](#) ppubblikata fl-2025. Diversi pajjiżi tal-UE+ sabu ruħhom f'sitwazzjoni fejn kien hemm numru insuffiċjenti ta' tuturi legali biex jinħatru għall-kura u l-appoġġ tal-minorenni mhux akkumpanjati. Il-proġett GuardianXChange, iffinanzjat mill-UE, kompli jsaħħaħ is-servizzi tal-kustodja fl-erba' pajjiżi parteċipanti tal-UE+, jiġifieri l-Belġju, il-Polonja, il-Portugall u s-Slovenja.

Bid-Direttiva riveduta tal-UE Kontra t-Traffikar li għandha tiġi trasposta sa Lulju 2026, l-Istati Membri tal-UE implimentaw diversi proġetti u attivitajiet ta' taħriġ għall-prevenzjoni tat-traffikar tal-bniedem u għall-identifikazzjoni aħjar tal-vittmi. Minn meta ġew ppreżentati l-proposti tal-Patt, diversi partijiet ikkonċernati esprimew tħassib dwar l-impatt negattiv potenzjali tal-bidliet fuq l-applikanti bi bżonnijiet speċjali matul il-proċedura tal-ażil. Peress li l-proċess leġislattiv għadu għaddej fil-livell nazzjonali, dak it-tħassib spiss reġa' ħareġ fil-kuntest nazzjonali permezz ta' kummenti fuq il-proposti tal-liġi.

Minkejja l-isforzi biex jingħata appoġġ aħjar lill-applikanti bi bżonnijiet speċjali fl-akkoljenza, ġew irrappurtati kundizzjonijiet inadegwati u appoġġ insuffiċjenti f'diversi pajjiżi tal-UE+, pereżempju minħabba n-nuqqas ta' riżorsi jew lakuni u dewmien fil-finanzjament. It-tħassib dwar id-detenzjoni ta' persuni bi bżonnijiet speċjali, speċjalment tfal, kompli jiġi espress, iddokumentat f'sentenzi tal-qorti u rrapportat minn organizzazzjonijiet internazzjonali u tas-soċjetà ċivili. Diversi każijiet fil-qorti analizzaw ukoll il-bżonnijiet speċjali u l-vulnerabbiltajiet fil-kuntest tat-trasferimenti u r-ritorni ta' Dublin.



Kummenti tal-għeluq

Is-sena li għaddiet kienet ikkaratterizzata minn thejjiġiet intensivi għall-operazzjonalizzazzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil sa Ġunju 2026. Kemm l-EUAA kif ukoll l-awtoritajiet nazzjonali investew riżorsi sinifikanti biex jistabbilixxu l-pedament għall-qafas il-ġdid għall-ġestjoni tas-sistema ta' protezzjoni Ewropea.

Għal dan l-iskop, il-pajjiżi tal-UE+ għamlu allokkazzjonijiet finanzjarji sostanzjali u aċċelleraw il-proċeduri ta' akkwist biex jiżguraw li s-sistema Eurodac tkun operattiva fil-ħin. Wara inizjattivi ta' reklutaġġ tal-persunal f'dawn l-aħħar snin, l-awtoritajiet nazzjonali tal-ażil iffukaw fuq it-tnaqis tal-każijiet pendenti tagħhom biex jevitaw kemm jista' jkun l-użu parallel ta' oqfsa leġiżlattivi differenti wara Ġunju 2026. Diversi pajjiżi investew fl-istabbiliment ta' ċentri b'ħafna skopijiet, fejn l-iskrinjar, il-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera u l-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera jistgħu jsiru fl-istess post.

L-EUAA appoġġat lill-pajjiżi tal-UE+ f'dawn l-isforzi permezz ta' diversi attivitajiet. L-Aġenzija żviluppat gwida u għodod dwar il-proċeduri l-ġodda, aġġornat il-gwidi eżistenti u tat taħriġ lill-prattikanti mill-amministrazzjonijiet nazzjonali dwar id-dispożizzjonijiet tal-Patt. Fi 12-il pajjiż, l-Aġenzija pprovdiet appoġġ operazzjonali dirett. Barra minn hekk, fil-livell tal-UE, l-Aġenzija analizzat żviluppi ġodda u pprovdiet aġġornamenti tas-sitwazzjoni malajr biex tappoġġa lill-Kummissjoni Ewropea fit-tmexxija ta' proċessi ta' rispons u biex tinforma aħjar lil dawk li jfasslu l-politika nazzjonali.

Il-fatt li l-applikazzjonijiet naqsu għal 822,000 fl-2025, l-iktar livell baxx mill-2021, għamel dawn il-preparazzjonijiet kemxejn aktar faċli. Dan ippermetta lill-awtoritajiet nazzjonali jiffukaw aktar riżorsi fuq l-iżvilupp ta' flussi tax-xogħol, proċeduri operattivi standard u mudelli ġodda, u l-pilotaġġ ta' dawn l-approċċi ġodda fil-kuntest nazzjonali.

FI-2026, id-dħul fis-seħħ tal-Patt se juri l-valur prattiku ta' dawn l-investimenti. Minn meta ġie adottat, il-partijiet ikkonċernati enfasizzaw li l-Patt se jiġi mkejjejl skont il-kapaċità tiegħu li joħloq sistemi ta' ażil u ta' akkoljenza reżiljenti, kapaċi jadattaw għal bidliet mgħaġġla fid-dinja. L-2026 se jenfasizza r-rilevanza prattika u l-impatt tar-riforma tas-SEKA. Dan se juri, pereżempju, sa liema punt ir-riforma se tippermetti kondivizzjoni ġusta tal-piżijiet bejn l-Istati Membri.

L-arranġamenti l-ġodda se jiġu ttestjati f'sitwazzjonijiet akuti, filwaqt li s-sistema trid tibqa' flessibbli biex tindirizza l-iżviluppi fil-livelli globali, tal-UE u nazzjonali. Id-dinamika li qed tinbidel fis-setturi politiċi, tas-sigurtà u ekonomiċi u l-kriżijiet u l-gwerer internazzjonali affettwaw id-disponibbiltà ta' finanzjament umanitarju u l-mekkaniżmi biex jiġi indirizzat l-ispostament globalment. Il-ħtiġijiet ta' protezzjoni li jirriżultaw minn kunflitti, bħall-gwerer fl-Iran u fl-Ukrajna, x'aktarx li se jiżdiedu, filwaqt li l-allokkazzjonijiet finanzjarji fil-livell globali qed jonqsu.

Fost interdipendenzi kumplessi u globali, l-Ewropa ħadet inizjattiva u bniet sħubijiet ma' pajjiżi terzi biex tiżviluppa l-kapaċità tagħhom fil-provvista ta' protezzjoni effettiva u biex tindirizza l-migrazzjoni irregolari. It-tiżni tal-kapaċitajiet fil-pajjiżi sħab biex jimmaniġġjaw il-migrazzjoni b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali għandu l-potenzjal li jespandi l-ispazju globali ta' protezzjoni.



Fil-livell Ewropew, l-ewwel Strateġija Ewropea dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni tistabblixxi d-direzzjoni politika għall-5 snin li ġejjin. B'enfasi qawwija fuq it-tisħiħ tal-kontroll fuq il-fruntieri, regoli stretti kontra l-abbuż ta' sistemi tal-ażil u ritorni rapidi u effettivi, dan jista' jwassal għal tnaqqis ulterjuri fl-għadd ta' applikazzjonijiet fl-UE+. Bidliet fir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil dwar il-kunċetti ta' pajjiżi sikuri u l-introduzzjoni tar-Regolament il-ġdid dwar ir-Ritorni jistgħu jaġixxu bħala deterrenti għall-wasliet ġodda. Madankollu, fil-prattika jistgħu wkoll jillimitaw l-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali għal dawk li għandhom bżonnha.

Fil-livell nazzjonali, l-applikazzjoni Prattika tal-Patt u l-miżuri biex tiżdied l-effettività se jkunu taħt skrutinju strett. Dan x'aktarx jinkludi l-applikazzjoni tal-iskrinjar, l-ħruġ ta' deċiżjonijiet ta' inammissibbiltà għal applikanti li għaddew minn pajjiż terz u setgħu jkunu talbu protezzjoni effettiva hemmhekk, u xi wħud mis-soluzzjonijiet diġitali proposti għal proċessar aktar effettiv. Hekk kif l-applikazzjoni tal-Patt tkompli, l-awtoritajiet nazzjonali se jadattaw is-sistemi tagħhom abbażi tal-ewwel esperjenzi fuq il-post. Mistoqsijiet għal kjarifika legali huma mistennija fis-sena 2026, u aktar huma mistennija fis-snin li ġejjin, fil-livell tal-qrati nazzjonali, tal-QEDB u tal-QĠUE.

L-iżviluppi fil-kuntest usa' tal-governanza tal-migrazzjoni – bħad-deċiżjoni tal-gvern Spanjol għal regolarizzazzjoni straordinarja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-integrazzjoni tagħhom – se jkollhom impatt ukoll fuq l-ammont ta' xogħol tal-awtoritajiet nazzjonali għall-ażil u b'hekk l-operazzjonalizzazzjoni tal-Patt. Fir-rigward tal-futur tal-4.5 miljun Ukren irreġistrati skont id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja, diversi pajjiżi bdew joħolqu perkorsi għat-tranżizzjoni minn protezzjoni temporanja għal tip ieħor ta' permess ta' residenza, u b'hekk fetħu perspettivi ġodda biex wieħed jibqa' fl-UE+. Din ix-xejra x'aktarx li ssir aktar prominenti fl-2026, peress li t-tmiem tal-estensjoni tar-reġim ta' protezzjoni temporanja f'Marzu 2027 qed joqrob.

F'dan il-kuntest, il-pajjiżi tal-UE+ jeħtieġu informazzjoni aġġornata u fattwali biex jadattaw il-proċessi tagħhom fi żmien xieraq. L-EUAA għandha rwol ċentrali hawnhekk permezz tal-portafoll imtejjeb tagħha ta' għarfien tas-sitwazzjoni u tan-networks ta' kooperazzjoni li joffru pjattaforma għall-iskambju ta' Prattiki tajbin u għall-indirizzar tal-isfidi. L-Aġenzija appoġġat b'mod attiv lill-pajjiżi tal-UE+ fl-2025 fil-perjodu tranżitorju tal-operazzjonalizzazzjoni tal-Patt, u tinsab lesta fl-2026 u wara biex ttiprovdi appoġġ dirett u żżomm djalogu kostruttiv biex tjinbena ambjent ta' protezzjoni mtejba fl-Ewropa. Peress li l-partijiet ikkonċernati jridu jinnavigaw il-miżuri kumplessi tal-Patt u r-realtajiet politiċi li qed jinbidlu malajr, l-informazzjoni u l-involvement isiru saħansitra aktar kruċjali għall-futur tas-SEKA.



Rapport dwar l-Ażil 2026: Sommarju Eżekuttiv

Bħala s-sors ewlieni ta' informazzjoni dwar il-protezzjoni internazzjonali fl-Ewropa, ir-Rapport dwar l-Ażil 2026 jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-iżviluppi ewlenin fl-ażil fl-2025. Is-Sommarju Eżekuttiv jippreżenta verżjoni mqassra tar-rapport ewlieni.

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) tiġbor informazzjoni dwar l-aspetti kollha tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil. Għal dan l-għan, ir-rapport jiddeskrivi x-xejriet ewlenin fil-politiki, fil-prattiki u fil-leġiżlazzjoni relatati mal-protezzjoni internazzjonali u jippreżenta indikaturi ewlenin għas-sena ta' referenza 2025. Eżempji tal-ġurisprudenza jidhru li jinterpretaw il-liġijiet Ewropej u nazzjonali fil-kuntest tal-*acquis* tal-UE dwar l-ażil.

Ir-Rapport dwar l-Ażil 2026 huwa msejjes fuq informazzjoni minn firxa wiesgħa ta' sorsi – inklużi perspettivi minn awtoritajiet nazzjonali, istituzzjonijiet tal-UE, organizzazzjonijiet internazzjonali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u akkademja – biex jinkludi perspettivi diversi. Ir-rapport, li jkopri mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2025, iservi bħala referenza għall-aħħar żviluppi fil-protezzjoni internazzjonali fl-Ewropa.